MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2011

Numru 1110/2011

**Pulizija**
**(Spettur Arthur Mercieca)**
**(Spettur Priscilla Caruana)**
**vs**
**Roderick Azzopardi**
**Clinton Borg**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Clinton Borg ta’ 27 sena iben Anthony u Rita’ nee Agius, imwieled Pieta’ fil-14 ta’ Mejju 1984 u residenti Janice Flat 1 Triq l-Ghannejja, Birzebbugia u detentur tal-karta tal-identita’ numru 351684(M) u l-imputat Roderick Azzopardi ta’ 32 sena bin Anthony u Margaret nee’ Cumbo, imwieled Pieta’ fit-2 ta’ Settembru 1979 u residenti 18, Naranthaa Triq Bir Miftuh, Gudja u detentur tal-karta tal-identita’ numru 398079(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

Nhar it-2 ta' Ottubru 2011 ghall-habta ta' 17.15pm gewwa Gudja attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe PS 1602 M.Mifsud u PC 813 C. Vella filwaqt li kienu qed jagixxu ghall ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurjaw, ghedu u ghamlu offiza fuq il-persuni ta' PS 1602 M.Mifsud u PC 813 C. Vella skond ma ccertifikaw Dr. J. Cassar MD Reg 1906 u Dr. Alfred Grech MD reg 1773 rispettivament mill-Paola Health Centre, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqhom kontra il-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi naqsu milli jobdu l-ordnijiet legittimi moghtija lilhom mill-Pulizija.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kisru il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 4 ta' Ottubru 2011 (esebit a fol. 7 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputati waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2011 iddikjara li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-4 ta' Ottubru 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar

solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq sabiex jekk iridu jergaw lura minnha u kien biss wara li staqsiethom it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Il-Prosekuzzjoni jiddikjaraw li t-tieni(2) imputazzjoni hija laternattiva ghall-ewwel(1) imputazzjoni.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputati, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja ta' l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom hlief ghat-tieni(2) imputazzjoni li inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel(1) imputazzjoni li l-Qorti sejra ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputati ammettew fi stadu bikri tal-proceduri u ikkunsidrat ukoll il-fatt li l-imputati skuzaw ruhhom ghall-akkadut u spjegaw li ghemilhom ma kienx dirett lejn il-Pulizija izda lejn terzi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 96, 338(dd) u 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat, Clinton Borg u Roderick Azzopardi hatja tal-ewwel(1), it-tielet(3) u r-raba'(4) imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghhom u tikkundannahom sena(1) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikoli 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' sena millum.

Stante li t-tieni(2) imputazzjoni inghata bhala alternattiva ghall-ewwel(1) imputazzjoni li taghha l-imputati instabu hatja, l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------